# Is-Safar

Stampa tal-bjut ta' Londra;
irkejjen fejn tistaħba w ħadd ma jsibek.
Ġo Malta magħluqin,
u biss nixxennqu
inħarsu ħarsa twil'għal fuq il-baħar.

* * *

F'lukanda ta' l-egħrieb f'Mejju li għadda
konna nitħaddtu b'xi tlitt ilsna mħallta
u nittawlu, taħt ix-xemx tikwi bla ħniena,
għal fuq il-Port igeġweġ kollu ħajja.
Il-bogħ'd kien isaħħarni;
u ħlomt qatigħ fuq bliet u fuq muntanji.
U l-Grieg bla dar bla ħabba w bla mibegħda
fettillu jgħanni għana saħħar bir-Russu
fuq is-sabiħa Volga,
u ieħor bil-Bulgâr fuq il-Maritza.

M. MIZZI
(Student tal-Letteratura)

3 / 4 / 41